8 ta' Marzu, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Rita Portelli

**Sperġur — Xhieda — Stat ta' Neċessità — Art. 104, u 232 tal-Kodiċi Kriminali, u art. 588 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla l-każ ta' min jagħti xhieda falza f'materja ċivili tgħodd ukoll jekk dak li jagħti x-xhieda falza jkun parti fil-kawża ċivili fejn jagħti dik ix-xhieda.*

*Il-liġi tgħid biss illi x-xhud ma jistax jiġi mġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet meta t-tweġiba għalihom tkun tista' tassoġġettah għal proċess kriminali, u mhux ukoll illi l-Imħallef huwa obligat iwissi lix-xhud li jista' jitlob li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu.*

*Il-perikolu li joħloq l-iskriminanti ta' l-istat ta' neċessità ma hux dak morali, imma dak materjali, li jaffettwa l-ħajja jew l-integrità personali.*

*Għalhekk min jagħmel dikjarazzjoni ġurata f'kawża ċivili fejn huwa parti, biex jevita l-perikolu li jikkompromettì ruħu, ma jistax jinvoka bħala skriminanti l-istat ta' neċessità. Teorija simili hija inkonċiljabili mas-sistema malti, li jillimita l-istat ta' neċessità għall-omiċidji u offiżi personali.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Diċembru 1947, li biha dina Rita Portelli ġiet misjuba ħatja ta' sperġjur u ta' adulterju, u ġiet kundannata għall-pieno tal-lavuri furzati għal żmien għaxar xhur kif ukoll għall-interdizzjoni ġenerali u dik li sservi bħala xhud, barra mill-ġudizzji, u bħala perit fi kwalunkwe każ, għal żmien ta' għaxar snin, u ġiet ordnata l-publikazzjoni tas-sentenza tal-kundanna għall-interdizzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

Trattat l-appell tal-kundannata, dina l-Qorti kkunsidrat;

Kwantu għall-imputazzjoni ta' adulterju, jirriżulta mill-verbal fol. 32 illi f'dina s-sedi żewġ l-appellanti rrinunzja għall-kwerela; għalhekk ma hemmx lok aktar għall-provvediment (208 (1) Kap. 12);

Kwantu għall-imputazzjoni l-oħra ta' sperġjur, dina hi sostnuta mill-provi. Id-difiża però ssottomettiet illi l-imputata, minħabba li kienet qiegħda tixhed fil-kawża tas-separazzjoni tagħha, sabet ruħha fin-neċessità li tiċħad li hi kellha relazzjonijiet ma' ħadd ieħor, partikolarment jekk fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili ma ġietx imwissija illi setgħet titlob biex ma tirrispondix ħalli ma tinkriminax ruħha;

Dwar dina d-deduzzjoni tad-difiża din il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-liġi maltija, fl-art. 104 Kap. 12, tikkontempla l-każ ta' min jagħti xhieda falza f'materja ċivili, u tkompli tgħid illi d-dispożizzjoni relativa tal-liġi tgħodd ukoll għal kull min bħala parti f'kawża ċivili jaħlef fil-falz. L-imputata kienet parti fil-kawża ċivili tas-separazzjoni personali ma' żewġha;

Illi l-Prosekuzzjoni offriet li tipprova illi, fil-fatt, l-Onorevoli Imħallef sedenti fit-tribunal ċivili, avverta lill-imputata, qabel ma xehdet, illi hi ma kienetx tenuta tinkrimina ruħha. Apparti l-prinċipju illi "omnia rite esse acta praesumuntur", u li in linja ta' massima mhux spedjenti, kif ġie ritenut mill-Qrati Ingliżi, R. v. Gazard, 8 C. & P., 595, illi l-imħallfin tal-Qrati Superjuri jiġu msejħin biex jixhdu dwar il-proċeduri ta' quddiemhom, jibqa' dejjem illi l-imputata ma ġietx imġiegħla

li tirrispondi, u l-liġi fl-art. 588 Kap. 15 tgħid biss illi x-xhud ma *jistax jiġi mġiegħel iwieġeb* għall-mistoqsijiet, meta t-tweġiba għalihom tkun tista' tassoġġettah għal proċess kriminali;

Kien hemm xi ġuristi kontinentali li dehrilhom li f'każijiet simili għandha tiġi applikata l-iskriminanti ta' l-istat tan-neċessità, fis-sens li min jagħmel dikjarazzjoni ġurata f'ċirkustanzi simili, fil-fatt ikun qiegħed jipprova jevita l-perikolu li jikkomprometti ruħu. Però dina l-opinjoni ġiet skartata, għaliex ġie korrettament osservat illi l-perikolu li joħloq l-iskriminanti ta' l-istat tan-neċessità hu, mhux dak morali, imma dak materjali, *li jaffettu* l-ħajja jew l-integrità personali. Ma hemmx bżonn jingħad li fis-sistema tal-liġi maltija teorija simili hija inkonċiljabili ma' l-art. 237 Kap. 12, li jillimita l-istat tan-neċessità għall-omiċidji u l-offiżi personali;

Kwantu għall-piena;

*Omissis;*

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tipprovdi fuq l-appell b'dan il-mod;

Kwantu għall-adulterju, tiddikjara eżawrit il-proċediment, u għalhekk tillibera lill-appellanti minn dik l-imputazzjoni;

Kwantu għall-ispergjur, tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata, però tirriduċi ż-żmien tal-piena għal tliet xhur, ferma l-piena ta' l-interdizzjoni u l-publikazzjoni tagħha skond il-liġi